MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 720/1994/2

**George u Paul Caruana**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ippresentat minn George u Paul Caruana fil-25 ta' Mejju, 1994, li in forza tieghu esponew:

1. Illi din hija procedura prevista taht l-artikolu 73 tal-Kap 37 dwar id-Dwana biex tintalab lura proprjeta' maqbuda minn ghand l-istess rikorrenti u cioe' Mutur Kawasaki ZX10 ta' 1000 cc u dana skond in-nota ta' qbid 47/1994 li giet notifikata lilhom;

2. Illi permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' mejju 1994, l-esponenti kien informa il-Kontrollur tad-Dwana ghat-termini tal-artikolu 72(2) li kien bi hsiebu jitlob lura l-istess proprjeta' maqbuda. Il-Kontrollur tad-Dwana rrespinga b'ittra ufficjali responsiva tat-13 ta' Meju, 1994, fejn allega li l-mutur kien insteraq meta kien taht *temporary importation permit;*

3. Illi l-fatti illi fuqhom jibbaza t-talba tieghu huma s-segwenti. Il-mutur kien gie impurtat bhala *chassis* mill-Awstralja u gie debitament imhallas id-dazju tieghu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni, u dan permezz ta' dokument tad-Dwana;

4. Il-magna tal-istess mutur inxtrat minn Malta, u giet debitament registrata mal-pulizija, kif ukoll gie registrat ix-xiri taghha. Diversi *spares* inxtraw kemm lokalment;

5. Recentement l-esponenti gew akkuzati b'serq u ricettazzjoni tal-istess mutur u n-nuqqas ta' hlas ta' dazju fuq l-istess;

6. Illi huma jikkonfermaw minn issa illi xtraw in *buona fede,* bid-dokumenti illi juru l-provenjenza legittima u l-hlas tad-dazju;

7. Illi inoltre hemm ukoll preskrizzjoni tal-azzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-istess dazju, anke kieku kellu wiehed jaccetta l-versjoni tal-kontrollur;

8. Illi huma jindikaw bhala xhieda lill-Kontrollur tad-Dwana stess biex jixhed dwar il-*chassis* impurtat u d-dazju mhallas fuqu, rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew tal-*Licensing Board tat-Transport Authority* dwar ix-xiri tal-magna, biex jixhdu u jesebixxu dokumenti certu Raymond Aqius minn Haz-Zebbug, dwar l-istess fatt, Martin Zerafa u Kevin Sammut, u l-istess rikorrenti halli jesebixxu d-dokumenti fil-pussess taghhom;

9. Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet premessi u peress illi ma jikkonfigurax ghall-ebda raguni l-intenzjoni kriminuza tal-evazjoni tad-dazju, jitolbu bir-rispett illi l-oggetti maqbuda in virtu tas-*seizure note* esebita u cioe' l-mutur Kawazaki ZX10 bin-numru ta' registrazzjoni Q6608 jigu rilaxxjati lilhom peress illi l-istess huwa proprjeta' legittima u legali taghhom.

Rat ir-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li biha jwiegeb:

1. Illi n-nota ta' qbid saret regolarment u dan stante li l-istess mutur kien misruq u ma thallas ebda dazju fuqu. Fil-fatt ma nfethet ebda azzjoni kontra l-istess rikorrenti ghall-hlas tad-dazju u ma jistax l-istess rikorrent isemmi preskrizzjoni ghall-hlas tad-dazju meta ma hemmx azzjoni ghall-istess hlas ta' dazju, izda qbid stante kien tal-ligi tad-Dwana;

2. Illi rrizulta li l-istess mutur kien misruq;

3. Illi anki jekk l-istess rikorrent ma kienx imdahhal fis-serqa jew ricettazzjoni, l-istess oggett hu suggett ghal qbid u l-uniku rikors li r-rikorrent jista' jkollu hu biss kontra l-persuna li xtara minghandu l-istess mutur;

4. Ghaldaqstant m'ghandhiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu, 1998, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Caruana u Paul Caruana."

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li d-difensuri tal-partijiet ma ppresentawx Noti tal-Osservazzjonijiet, avolja nghataw il-fakolta' li jaghmlu dan;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti qed jaghmlu din il-kawza a tenur tal-artikolu 73 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Kontrollur tad-Dwana, bis-sahha tal-poteri moghtija lilu b'dik il-ligi, kien ikkonfiska mutur tal-marka Kawasaki ZX10 ta' 1000 cc b'Nota ta' Qbid numru 47/1994 mahruga fis-7 ta' April, 1994. Din in-Nota ta' Qbid inharget peress li, fil-fehma tal-Kontrollur tad-Dwana, dak il-mutur kien misruq u ma thallasx dazju fuqu, u dan bi ksur tal-artikolu 60 (a) (c) (i) (j) (k) tal-Ordinanza dwar id-Dwana, Kap 37.  Ir-rikorrenti qed jallegaw li dak il-mutur, li ttiehed mill-pussess taghhom, ma kienx misruq, imma kienu bnewh huma minn magna u *parts* li xtraw minn diversi bnadi hawn Malta u fuq *body frame*  li kienu mpurtaw regolarment ghal ta' l-apposta mill-Awstralja. Ghalhekk, qed jallegaw, li l-konfiska tal-mutur ma kinitx gustifikata u qed jitolbu li jinghataw lura l-istess mutur. Ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-imsemmija Ordinanza, kienu taw avviz ufficjali lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu riedu jirreklamaw il-pussess tal-mutur, izda peress li da parti tal-intimat il-mutur ma giex rilaxxat, kellhom jifthu dawn il-proceduri.

Irrizulta wkoll li l-Pulizija Esekuttiva, kemm *ex officcio,* kif ukoll fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fethru proceduri kriminali kontra r-rikorrenti u akkuzawhom b'serq jew ricettazzjoni, pussess illegali tal-mutur u falsifikazzjoni ta' dokumenti. Il-Qorti Kriminali tal-Magistrati, fis-sentenza li tat fid-9 ta' Marzu, 1998, ma kellha ebda esitazzjoni tillibera lil George Caruana minn kull imputazzjoni, peress li ma kien involut kwazi xejn fil-materja, u, fil-konfront ta' Paul Caruana, avvolja kellha xi suspetti, iddikjarat li kellha dubbju ragonevoli dwar kemm il-mutur elevat kien dak misruq, u, ghalhekk, illiberatu wkoll minn kull imputazzjoni u htija.

Mill-atti jirrizulta wkoll li mutur Kawasaki ZX10 kien iddahhal hawn Malta, taht licenzja ta' importazzjoni temporanja, minn certu Dottor Giancarlo Barranco, ta' nazzjonalita' Taljana. Waqt li kien resident Malta, kien

joqghod f’Pace Street, Sliema, u kien ihalli l-mutur ipparkjat fi triq barra r-residenza tieghu. Fit-22 ta’ Awissu, 1992, Dottor Barranco irrapporta li matul il-lejl ta’ qabel kien insteraqlu l-mutur, u s-serqa sehhet bejn is-2.00 ta’ filghodu, meta dahal id-dar, u d-9.00 ta’ filghodu meta hareg u sabu nieqes.

Wara li sar rapport lill-Pulizija, din bdiet bl-investigazzjonijiet taghha. Fil-1994 il-Pulizija kienet qed tinvestiga lir-rikorrent Paul Caruana in konnessjoni ma’ serq ta’ karozzi u *spare parts*, u fil-kors ta’ dan l-istharrig, elevaw mill-garage ta’ missieru mutur tal-marka Kawasaki ZX10. Minn ezamin ta’ dan il-mutur, irrizulta li l-*engine number* u c-*chassis number* tal-mutur kienu, fi kliem l-Ispettur Antoine Casha, *“tampered with,* imbaghbsin”. Wara li vverifika mar-*records* tal-Pulizija, sab li sentejn qabel, mutur simili kien gie rapportat misruq minn certu Giancarlo Barranco.

Il-Pulizija ta’ Malta ikkomunikat ma’ dan Dottor Giancarlo Barranco u nfurmawh dwar is-sejba li kienu ghamlu u talbuh jekk setghax jiddentifika l-mutur tieghu. Waqt li kienu fuq it-telephone, Dottor Barranco beda jaghti lill-Pulizija dettalji partikolari dwar il-mutur tieghu, dettalji li tant kienu zghar u partikolari li pperswadu lill-Pulizija li dak il-mutu li elevaw kien, fil-fatt, dak irrapurtat misruq.

Dottor Barranco gie Malta u qabel ma ra l-mutur, rega’ kellu laqgha mal-Pulizija li fiha spjega f’aktar dettall xi marki karratteristici tal-mutur tieghu. Meta, imbaghad, gie muri l-mutur, Dottor Barranco gharfu bhala tieghu u flimkien mal-Pulizija identifika d-dettalji partikolari li qal li kellu l-mutur tieghu. Fuq din l-evidenza, il-Pulizija, kif inghad, resqet lir-rikorrenti u akkuzathom b’diversi reati kriminali, li minnhom, pero’, huma gew liberati.

Din il-Qorti, bhala Qorti ta’ kompetenza civili, mhux marbuta bid-decizjon li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza taghha kriminali, u trid tezamina l-provi hi, bil-lenti tar-regoli tal-procedura civili, u tasal ghall-konkluzzjoni indipendenti taghha. Hu risaput li kull allegat

reat jista' jaghti lok ghal zewg proceduri, dawk kriminali u dawk civili, li huma indipendenti minn xulxin u esitu f'kamp minn dawn il-proceduri, la jorbot u lanqas ghandu jinfluenza l-esitu fil-kamp l-iehor. Ir-regoli ta' procedura fil-kamp kriminali huma differenti minn dawk li jirregolaw il-process fil-kamp civili, u, fil-waqt li fil-kamp kriminali, biex gudikant jasal ghal sentenza ta' htija, irid ikun konvint fuq dan minghajr ebda dubbju ragjonevoli, fil-kamp civili r-responsabbilita' tista' tigi attribwita a bazi ta' konkluzzjonijiet raggunti "*on a balance of probabilities".* Ghalhekk, il-fatt li r-rikorrenti gew liberati minn kull htija kriminali, mhux necessarjament iwassal li jkollhom ragun fil-kamp civili. Inoltre, ghal kaz in kwistjoni, mhux mehtieg li jintwera li r-rikorrenti kienu ppartecipaw f'xi attivita' illegali; jekk jirrizulta li l-mutur in kwistjoni ma thallasx dazju fuqu kif titlob il-ligi, it-talba ghar-revoka tan-nota ta' Qbid u ghar-rilaxx tal-mutur xorta wahda ma tkunx tista' tigi milqugha.

Ghar-rigward tal-oneru tal-prova, din il-Qorti thoss li, ghalkemm skond id-disposittiv ta' ligi specjali, il-kawza infethet minn min qed jitlob it-thassir tan-Nota tal-Qbid, huwa l-Kontrollur tad-Dwana li jrid fl-ewwel lok, jiggustifika l-hrug tan-Nota ta' Qbid u li l-konfiska kienet gustifikata taht l-artikolu 60 tal-Kap 37. Jekk in-Nota ta' Qbid tirrizulta li tkun harget mhux ghal skopjijiet kontemplati fil-ligi, sta mbaghad ghar-rikorrenti li juri u jipprova l-interess tieghu gudizzjarju li jitlob li jiehu pussess tal-oggett konfiskat.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-mutur kien gie impurtat hawn Malta taht licenzja temporanja, u li, bhala fatt, dan il-mutur ma regghax gie esportat fiz-zmien tlett xhur kif stipulat fl-artikolu 17(2) (d) (1) tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap 337. Dan gara peress li, fiz-zmien li l-mutur kien hawn Malta, dan insteraq u, allura, il-proprjetarju tieghu, huwa u hiereg minn Malta, ma setghax jerga' jesporta l-mutur. Dawn ic-cirkustanzi, oggettivament stabbiliti, jintitulaw lill-Kontrollur tad-Dwana jikkonfiska l-mutur taht l-artikolu 60 tal-Att tad-Dwana. Fil-fatt, meta "dan" il-mutur instab mill-Pulizija, gie sekwestrat mill-Kontrollur tad-Dwana bis-sahha tal-poteri moghtija lilu bl-indikata ligi.

Il-kawza ghar-revoka tan-Nota tal-Qbid mhux qed issir mis-sid tal-mutur originarjament importat taht licenzja temporanja. Kieku l-kawza saret mis-sid, il-Qorti tkun trid tara jekk ghandhiex tikkonferma l-konfiska mehud kont tac-cirkostanza li hu ma setax jerga' jesporta l-mutur minhabba forza maggura, cioe', ghax insteraqlu u ttiehed mill-pussess tieghu.

Din il-kawza qed issir minn persuni li qed jallegaw li l-mutur konfiskat mhux dak li kien iddahhal Malta taht licenzja temporanja, izda mutur iehor li l-*frame body* tieghu idahhal Malta legalment; fi kliem iehor qed jghidu li l-mutur konfiskat hu taghhom u mhux ta' Dottor Barranco. Ghalhekk, dak li l-intimat irid juri f'din il-kawza hu li l-mutur li ddahhal Malta taht licenzja temporanja minn Dottor Barranco huwa l-istess wiehed konfiskat u maqbud bis-sahha tan-Nota ta' Qbid numru 47/1994.

Jirrizulta li l-mutur li Dottor Barranco dahhal Malta taht licenzja temporanja kien Kawasaki ZX10 li kellu *engine number* ZXT00AEO34191 u *chassis number* ZXT OOB – 006713. Dak konfiskat mill-intimat huwa mutur tal-istess tip u marka b'*engine number* ZXT 00AEO 34771 u *chassis number* ZXT00B – 015708. In-numri jixxibhu u fejn ma jaqblux, in-numri facli li "jitbiddlu" b'mod illegali. Fil-fatt, l-Ispettur Casha ikkonferma li minn ezami li sar fuq il-mutur elevat, kien jidher li l-numri ma kienux tieghu u kien jidher li kienu gew imbghabsa.

Anke jekk, pero', in-numri tal-mutur konfiskat kienu gew mbghabsa, ma jfissirx li dak il-mutur konfiskat hu l-istess wiehed li gie importat minn Dottor Barranco. Din il-prova, fil-fehma tal-Qorti, saret tramite x-xhieda ta' Dottor Giancarlo Barronco innifsu. Ix-xhieda tieghu hija wahda cara u preciza, u ghalkemm il-professjoni tieghu hija fil-kamp ta' medicina, kif stqarr hu stess, hu delettant sew tal-muturi, u l-mod precis kif iddeskriva l-mutur tieghu, b'mod partikolari, il-karatteristici individwali li jikkonfermaw it-*touch* tieghu fuq il-mutur, ma jhallu ebda dubbju, f'mohh din il-Qorti, li l-mutur konfiskat kien dak li ddahhal Malta minn Dottor Barranco. Hu veru li dawk il-karratteristici setghu, b'kumbinazzjoni, saru lokalment fuq mutur

mahdum hawn Malta, izda l-probabbilita’ li d-dettalji li semma’ Dottor Barranco jistghu jinstabu fuq mutur iehor tal-istess tip, hija bizzejjed remota biex ma thassarx il-konvinciment ta’ din il-Qorti li hawn qed nitkellmu fuq l-istess mutur. Id-dettal tal-vittin, per ezempju, li kienu gew sostitwiti minnu, b’mod li ma baqghux b’ras tas-salib, izda saru b’ras ta’ sing wiehed, u l-barxa li kienet ezatt fejn spjega Dottor Baranco, jindikaw il-kura u l-precizjoni li bih dan mhux biss kien jiehu hsieb il-mutur tieghu, izda wkoll il-mod ta’ kif iddiskriva l-istess mutur qabel ma dan gie muri lilu. Din il-Qorti m’ghandha ebda raguni biex tiddubita l-kredibilita’ ta’ dan Dottor Barranco, u ssib li x-xhieda tieghu hija ta’ min toqghod fuqha.

Hu minnu li r-rikorrent kien regolarment importa *body frame* ta’ mutur b’*chassis number* ZXT00B-015708, izda mix-xhieda ta’ Joseph Sghendo, Ufficjal tad-Dwana, jirrizulta li d-dokument mahrug mid-Dwana li jawtorizza r-rilaxx tieghu (il-Form A), “probabbilment” kien imbghabas. Deskritt bhala imbghabas u “falz”, huwa wkoll il-Form A, suppost ukoll mahruga mid-Dwana, li tirreferi ghall-mutur Kawasaki b’*engine number* ZXT00AEO 34771, l-istess numru li kellu l-mutur tar-rikorrenti (ara x-xhieda ta’ Carmelo Guillaumier a fol 85 tal-process, meta kien qed jixhed b’riferenza ghad-dokument a fol 80). Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkustanzi, li ghalihom ir-rikorrenti ma jofru ebda spjegazzjoni, mghaduda mac-cirkustanza li n-numri fuq il-mutur elevat irrizutlaw imbghabsa, din il-Qorti ma tista’ taghti ebda kredibilita’ lit-tezi tar-rikorrenti. Ma jistax jigi esklux, per ezempju, li n-numri tal-magna u tac-*chassis,* li jappartjenu lill-oggett legalment impurtat gewwa Malta, qed jintuzaw fuq diversi muturi ohra li l-origini taghhom tkun suspettuza. Meta jkollok xhieda li tikkonferma li n-numru kienu “*temperd with*”, dan zgur ma jistax jigi esklux.

Hi x’inhi, l-importanti ghal fini ta’ din il-kawza hu li l-intimat Kontrollur tad-Dwana irnexxielu juri a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-mutur li Dottor Giancarlo Barranco importa f’Malta f’Awissu ta’ l-1992, ma regax gie esportat fit-terminu ta’ tlett xhur impost bl-artikolu 17 tal-Kap 337. Dan jintitola lill-Kontrollur tad-Dwana jikkonfiska dak il-mutur skond is-setghat moghtija lilu bl-artikolu 60 tal-Kap 37. Irrizulta li l-

mutur li gie effettivament maqbud bis-sahha tan-Nota ta' Qbid numru 47/1994 huwa l-istess wiehed li nzamm hawn Malta bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap 337, u, ghalhekk, dik in-Nota ta' Qbid inharget validament.

Il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana qed tigi wkoll mwarrba, mhux biss ghax ir-rikorrenti ma ndikawx l-artikolu li fuqu kienu qed jibbazaw dik is-sottomissjoni, izda wkoll ghax, kif tajjeb issottometta l-intimat, din mhix kawza ghall-hlas ta' dazju, izda kawza bbazata fuq konfiska ta' mutur taht il-ligi tad-Dwana.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------